27 ta' Ottubru, 1952

**Imħallfin :**

**Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;**
**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.**
**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Lewis Aveta *versus* Anthony Abela ne.**

**Azzjoni — Interess — Dikjarazzjoni.**

*It-tribunal ma jistax jiġi adit biex jagħti konsulti; u azzjoni ma tistax tiġi proposta mingħajr ma jkun hemm l-interess meħtieġ għabbażi tagħha.*

*Imma l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji ma hix tali li tiskarta l-azzjoni ta' min jitlob li jiġi tutelat dritt tiegħu attwali li l-kontroparti tkun qiegħda tikkontestalu, u li għalhekk ikollha l-iskop li tipprokura lil min jipproponiha riżultament utili.*

*Jekk l-azzjoni hija bażata fuq interess attwali u konkret, u hija diretta biex tipprokura lill-attur riżultament utili, id-dikjarazzjoni miħluba mill-attur, ta' l-eżistenza tad-dritt tiegħu, minnu pretiż u mill-konraparti kontrastat, hija magħmula regolarment.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur ippremetta li bi skrittura tat-*23* ta' *Frar 1951* (dok. A) l-attur xtara minn għand id-ditta konvenuta motor car Vauxhall 12 h.p., "Wyvern" Saloon, bil-patt espress, fost oħrajn, li l-imsemmija karrozza kienet qiegħda tiġi garantita għal perijodu ta' tnax-il-xahar mid-data tal-konsenja, fis-sens illi l-venditur obliga ruħu li jissostitwixxi mingħajr korrispettiv kull parti jew partijiet, esklużi attrezzi elettriċi, li jirriżultaw difettużi, sija fil-materjal, sija fil-manifattura; u li fl-epoka tal-20 ta' Awissu

1951 hu nduna. u immedjatament irrapporta lid-ditta konvenuta, li fl-imsemmija karrozza kien hemm il-ħsara, billi l-mutur beda jinnokkja, u ilma u duħħan jemerġu mill-"exhaust pipe" —liema difetti pprovokaw logoriju eċċessiv fl-istess mutur; u talab li, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet meħtieġa, u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jiġi mill-Qorti dikjarat li fit-termini tal-garanzija stipulata fl-iskrittura fuq imsemmija tat-23 ta' Frar 1951 hu għandu dritt kontra d-ditta għas-sostituzzjoni mingħajr ħlas tal-mutur jew ta' kull parti minnu li tirriżulta difettuża minn qabel għeluq sena minn dik id-data, u dana skond l-opinjoni ta' espert li jiġi, jekk hemm bżonn, nominat; salva kull azzjoni spettanti lilu kontra d-ditta konvenuta. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li rrileva illi d-domanda, kif magħmula, ma hijiex ħlief talba li din il-Qorti tagħti opinjoni dwar l-interpretazzjoni tal-garanzija, mentri, jekk l-attur jidhirlu illi għandha tingħata eżekuzzjoni għall-garanzija, kien imissu għamel domanda b'mod speċifiku in bażi għall-kuntratt; u subordinatament, li ma hemmx difetti fil-manifattura u fil-materjal tal-karrozza;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-23 ta' Mejju 1952, li biha l-konvenut nomine ġie liberat "ab observantia", u l-attur ġie kundannat għall-ħlas ta' l-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi fil-każ in ispeċje l-eċċezzjoni tal-konvenut nomine tidher fondata, tant fuq ir-raġuni kemm fuq il-liġi; għaliex l-interess, ossija l-motiv tat-talba, għandu jkun konkret, u, bħala massima, id-dikjarazzjonijiet puri mingħajr obbjett materjali jirrendu ineffikaċi d-deċiżjoni li tiġi pronunċjata bihom, billi deċiżjonijiet tali ma jkunux jistgħu jiġu eżegwiti, għaliex jonqoshom obbjett materjali ("Brockdorff vs. Pace Balzan", Kollez. XVII—III—17; "Grima vs. Fenech", Kollez. XXIV—II—486; Prim'Awla "Ellul vs. Cauchi" 22 ta' Jannar 1900; u Prim'Awla "Prof. Cortis vs. Maġġur Bonello ne.", 11 ta' Frar 1942);

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li jiġi deċiż skond id-domandi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

L-attur f'din il-kawża beda biex ippremetta illi hu xtara minn għand il-konvenut nomine motor car bil-garanzija espressa, għal żmien tnax-il xahar mill-konsenja, li l-konvenut jirrimpjazza gratuwitament il-partijiet (esklużi l-attrezzi elettriċi) li jirriżultaw difettużi fil-manifattura jew materjal. Kompla jgħid illi fl-20 ta' Awissu 1951 hu nduna li kien hemm ħsara fil-mutur; u talab li t-tribunal jiddikjara illi, skond il-garanzija, hu għandu dritt kontra l-konvenut nomine għas-sostituzzjoni gratuwita tal-mutur jew ta' kull parti minnu li tirriżulta difettuża minn qabel l-għeluq tas-sena tal-garanzija, skond l-opinjoni ta' espert li jiġi nominat;

Il-konvenut, kif jidher min-nota ta' l-eċċezzjonijiet u mid-dikjarazzjoni, qiegħed jikkontesta li hemm xi difett kopert mill-garanzija;

Issa, hu ċertament korrett li t-tribunal ma jistax jiġi adit biex jagħti konsult; għax kif josserva l-Galdi (Comm. Cod. Proc. Italiano, Vol. I, paġ. 238), it-tribunali ma ġewx imwaqqfa "per dare oziosi ed accademici responsi". Hu veru wkoll li f'din il-materja l-assjoma forensi huwa "l'interesse è la misura delle azioni", jew, kif jgħidu l-ġuristi, "point d'interet point d'action". L-Imħallef Ingliż Langton, fil-kawża "Woods vs. Woods", July 28, 1937, Prob. Div. & Adm. Div., qal hekk :— "The Courts of Justice in this country stand wide open to remedy wrongs. Where there is a real injury, and an obvious remedy lies, I conceive it to be my duty to apply that remedy as swiftly and effectively as possible........... But I do not believe that it is any part of an English Judge's duty to listen to an artificial suit, founded upon a manufactured wrong........." Il-Qrati Tagħna kienu wkoll dejjem enfatiċi fuq daqshekk, kif juru l-stess deċiżjonijiet ċitati mill-Ewwel Qorti;

Iżda, fil-każ in ispeċje, ix-xorta ta' l-azzjoni esperita ma hijiex tali li tista' tiġi skalzata bl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju;

B'dina l-azzjoni l-attur qiegħed jittutela u jikkawtela dritt tiegħu attwali, li l-konvenut qegħed jikkuntrasta; u l-iskop ta' l-attur hu dak li jipprokura lilu nnifsu riżultament utili. "Base di ogni azione", qal l-Imħallef Prof. Dr. Ganado, sedenti fil-Qorti tal-Kummerċ, in "Muscat vs. Vella" 21 ta' Marzu 1933,

è un diritto che si vuol tutelare o comunque cautelare; è necessario quindi che in ogni azione risulti avere l'attore dedotto in giudizio un diritto........" U appuntu, fil-każ preżenti, l-attur qiegħed jiddeduċi d-dritt tiegħu, kif jarah hu (salv il-meritu), li jkollu rimpjazzat b'xejn il-mutur ta' din il-motor car, li hu jirritjeni difettuż, skond il-garanzija lilu mogħtija, mentri l-konvenut jikkontesta din il-preteża għax jgħid li ma hemm ebda difett;

Qalet il-Kassazzjoni Franċiża. 2 ta' Jannar 1828, Secondè, *ċitata mill-Galdi, ibidem, p.* 239, "perchè l'azione possa essere validamente istituita, essa deve procurare a chi la istituisce un risultamento utile". Dan ir-"risultamento utile" għandu jiftiehem, ġuridikament, fis-sens taż-żewġt ikliem kontenuti fil-Liġi Rumana, li b'analoġija kienet tiġi nvokata "in subjecta materia", ċjoè l-kliem "emolumentum vel damnum", kontenuti fil-Lex para. 11, ff. "quando appellandum sit", kommentata minn Ulpiano. Issa appuntu b'din l-azzjoni l-attur qiegħed jaġixxi biex jottjeni l-"emolumentum" tar-rimpjazzament gratuwitu *ta' dak li hu jippretendi* li hu difettuż, u biex jevita d-"damnum" illi, jekk ma jkollux din il-konstatazzjoni ġudizzjali fuq azzjoni esperita fis-sens tal-garanzija, jiġi eventwalment milqugħ mill-konvenut bl-eċċezzjoni li l-garanzija kienet limitata għad-difetti *li nqalgħu* tul dik is-sena biss;

Id-dritt ta' l-attur huwa attwali—liema rekwiżit jiġi hekk definit mill-Galdi (loc. ċit. paġ. 258) :— "Ciò importa che esso deve riguardare la preservanza di un diritto o legittima facoltà che già esiste". Issa ma jistax jiġi dubitat illi malli l-attur skopra, *skond* l-allegazzjoni tiegħu, id-difett fil-mutur, hu kellu "ipso facto" id-*dritt li dan id-difett* jiġi konstatat b'opera tat-tribunal, per mezz ta' espert, biex hu jista' jkollu s-sostituzzjoni skond il-garanzija;

Il-fatt stess li l-konvenut qiegħed jinnega li hemm dan id-difett hu biżżejjed biex jirradika l-interess ta' l-azzjoni esperita mill-attur; għax, kif jgħid id-Dalloz (Rep. v. Action, no. 218), *anki l-biża' ta' dannu* eventwali jagħti bażi leġittima lill-azzjoni, u l-kontestazzjoni tal-konvenut ċertament toħloq *dan il-biża', tant* aktar li l-attur hu astrett bit-terminu ta' sena, fis-sens li, biex hu jirnexxi fir-reklam tiegħu, jeħtieġ li jipprova li d-difett tfaċċa matul is-sena, u għalhekk hu intuwitiv

l-interess tiegħu li jaġixxi tempestivament. Għaldaqstant lu ċar li l-attur qiegħed jesperixxi azzjoni bażata fuq interess tiegħu attwali u konkret, u diretta biex tipprokuralu riżultament utili, li l-konvenut qed jikkontestalu. Id-dikjarazzjoni li qed jitlob l-attur hi konsegwentement regolari. Jekk tonqos dik li tissejjaħ "la domanda compulsoria", dan ma jfissirx li dik id-dikjarazzjoni li qed jitlob l-attur ma hijiex skond il-liġi (ara Kumm. "Mifsud vs. Perez", 16 ta' Ġunju 1885);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija, u tiddikjara regolari l-azzjoni istitwita, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

U wara li rat l-art. 231 (3) Kap. 15 Ediv. Riveduta, peress li hu xieraq li jkun hemm l-eżami doppju, tirrimetti l-proċess lill-Ewwel Qorti sabiex tiġi prosegwita t-trattazzjoni tal-kawża.